KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sitta u Tmenin (86)***

***L-Erbgha, 29 ta' Awwissu, 2018***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**86.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

86.1.1 Tressqu zewg ittri ta' apologiji minghand il-Vici Sindku Emanuel Vassallo u minghand il-Kunsilliera Rose Agius.

86.1.2 Il-Kunsill ma kellu ebda oggezzjoni.

**86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

86.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 85 li nzammet nhar it-Tlieta, 7 ta' Awwissu 2018.

86.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 85 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

86.2.3 **Mozzjoni 86-01:** Il-Kunsillier Keith Fenech ressaq mozzjoni ghall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 85. Din il-mozzjoni giet issekondata mill-Vici Sindku Emanuel Vassallo.

86.2.4 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 85 gew approvati unanimament.

**86.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 86/2018 – Lulju 2018***

86.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 86-2018 biċ-ċekkijiet numru 6182 sa 6204 li tammonta €12,994.82

86.3.2 **Mozzjoni 86-02**: Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 86-2018 bl-ammont ta' €12,994.82

Proponent: Vici Sindku Emanuel Vassallo
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 86-2018 giet approvata unanimament.

## 86.4 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Evalwazzjoni tal-Quotation for replacement, supply and installation of Artificial Turf at Ground 5-a-side in Ghaxaq

86.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiov ressqet ir-rapport tal-evalwazzjoni fejn kien hemm zewg offerti minghand l-istess kumpanija. Bhala differenza tinsab fil-materjal biss izda bhala maintenance agreement iz-zewg offerti huma l-istess.

86.4.2 Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li jaghzel l-orhos offerta minhabba li m'hemmx differenza kbira fil-materjal.

## 86.5 Tender Road Maintenance and Patching Works

86.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li t-tender tal-Patching wara li rega hareg ghat-tieni darba rega ma kien hemm l-ebda offerta.

86.5.2 Il-Kunsill qabel li t-tender jerga johrog ghat-tielet darba skond kif stipulat bil-ligi.

## 86.6 Korrispondenza

86.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet korrispondenza sabiex jibda jsir il-gbir tal-hwejjeg bieb bieb. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta kif ukoll li jiffirma l-agreement mal-kumpanija li ghamlet ukoll arrangamenti mal-AKL.

86.6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv fethet id-diskussjoni dwar ir-rikonoxximent li ghandu jinghata lill-Klabb tal-Bocci wara li dawn gew dikjarati Champions ta' Malta. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li wara li s-Sindku Darren Abela baghat email sabiex bhala rikonoxximent jinghataw Premju ta' Eur400, kien hemm zewg risposti bil-miktub minghand il-Kunsillier Keith Fenech, fejn qabel ma din il-proposta filwaqt li l-Kunsilliera Rose Agius ma qablitx li jinghataw dan l-ammont biex jorganizzaw tournament izda taqbel li jinghataw rikonoxximent jew memento. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo permezz ta' telefonata qal li din il-materja titlob li tigi diskussa f'laqgha tal-Kunsill minhabba li tinvolvi finanzi. Is-Sindku Darren Abela sostna li ghalinqas kellu jinghata risposta meta hu jibghat korrispondenza permezz ta' email. Il-Kunsilliera Miriam Schembri qalet li hi ukoll taqbel li dawn il-materji ghandhom jigu diskussi fil-laqgha tal-Kunsill u ghaldaqstant ma tatx ir-risposta taha b'email.

Wara din id-diskussjoni, tressqet mozzjoni numru **86-03** il-Kunsill qabel uanimament li bhala rikonoxximent ghal dan l-unur, il-Klabb tal-Bocci ghandu jinghata Memento filwaqt li jigi organizzat tournament fejn il-Kunsill jisponsorja it-trophies u l-premjijiet li

jinghataw tar-rebh. Bhala budget ghandu jinzamm dak ta' Eur450. Din il-proposta giet imressqa mill-Vici Sindku Emanuel Vassallo u ssekondata mill-Kunsillier Keith Fenech. Dwar Dan il-Kunsill qabel.

**86.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

84.4.1 Is-Sindku Darren Abela ippropona li titwahhal camera fi Triq il-Barklor minhabba rimi abbuziv. Dwar dan il-Kunsill qabel li tingieb stima.

**86.8 Mozzjonijiet**

Annessi

**86.9 Mistoqsijiet u Twegibiet mill-Kunsillieri**

86.9.1 Il-Kunsilliera Miriam Schembri pproponiet li l-ghalliema tal-kors tal-craft jinghataw 50 euros kull wiehed bhala hlas tas-servizz li taw.

86.9.2 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo rraporta li hemm floodlight tat-turretta mhix tixghel sabiex tigi rrapurtata.

**86.10 Tmiem tal-laqgha u data ts-seduta li jmiss**

86.10.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta, 18 ta' September, 2018 fl-5.30pm.

Il-Laqgha ntemmet fit-8.00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 86**

**Mozzjoni Ref:** 86-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 85

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Keith Fenech | Emanuel Vassallo |

**Data:** 29 ta' Awwissu 2018

Fiona Said
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 86**

**Mozzjoni Ref:** 86-02

**Mozzjoni:**

Biex tigu approvata l-Iskeda ta’ Pagamenti Numru 86

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Emanuel Vassallo | Rose Agius |

**Data: 29 ta’ Awwissu 2018**

Fiona Said
**Segretarju Ezekuttiv**